MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2012

Numru. 316/2012

Il-Pulizija
(Sp Herman Mula)
vs
Abo Ishakk Suleiman, iben Ishakk, imwieled is-Sudan fl-1 ta’ Jannar, 1968, karta ta’ l-identita numru 35858(A)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’dawn il-Gzejjer fit-23 ta’ Ġunju, 2012 u fis-snin ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu:
a. il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta’ l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-liġijiet ta’ Malta;
b. ir-raza meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenrali a tenur tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Ġunju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 8(a)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.  Tordna d-distruzzjoni tad-droga eżebita.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------